Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 139/2015

Il-Pulizja

Spettur Pierre Grech

Vs

Eric Zammit

Illum 22 ta' Settembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Eric Zammit, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 223486M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-25 ta' Frar, 2006, u matul ix-xahar ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

A.Forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew ghal persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern

tadDrogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont iddisposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmfanittura jew iforni d-droga, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 talLigijiet ta' Malta;

B.U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifrikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar ilMedicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mitTabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmfanittura jew li jforni ddroga msemmija, u meta ma kinx b'x mod iehor bilLicenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tadDrogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

C.U aktar talli kkometta dawn ir-reati fi jew gewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-parametru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh, jew ir-reat ikkonsista bil-bejgh, fil-provvista, fl-amministrazzjoni, jew f'li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti lil minuri;

D.U aktar talli nhar il-25 ta' Frar, 2006, gewwa dawn ilGzejjer, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Daniel Abela ta' sittax(16)-il sena bin Joseph u l-mejta Mary nee' Abela, residenti 89, Rainbow, Triq il-Kbira, Zejtun, u

detentur tal-karta tal-identita' numru 242389M, u dan bi ksur tal-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-peina skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispjjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-12 ta' Marzu, 2015, fejn il-Qorti sabet htija fil-konfront ta' Eric Zammit, fuq l-ewwel u t-tieni akkuza (din mezz ghall-fini), u t-tielet akkuza migjuba kontra tieghu, u dan wara li rat ir-Raba u s-Sitt Taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijet ta' Malta, l-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; Regolament 9, L.S. 101.02; GN 292/1939, u kkundannatu ghal piena karcerarja effettiva ta' erba' (4) snin; u ghal multa ta' sitt elef Ewro (€6,000).

Illiberatu kif gia' premess mir-reati kkontemplati ai termini tal-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligiijet ta' Malta.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u kkundannatu ghall-hlas tal-ispejjez peritali ghajr dawk naxxenti mir-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina, dan fl-ammont ta' mija u wiehed u sittin Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€161.78).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Eric Zammit, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Marzu, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellatata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghall-piena karcerarja effettiva ta' erba' (4) snin u ghal multa ta' sitt elef ewro (€6,000) u minflok teroga piena aktar miti u tikkonferma l-bqija.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Eric Zammit huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-Qorti tal-Magistrati erogat piena li hija harxa wiehed fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. L-esponent ma huwiex qed jikkontesta s-sejbien ta' htija.

Illi l-esponent qatt ma kkontesta l-fatti rigward l-ewwel zewg imputazzjonijiet. L-istqarrijiet teighu moghtija lill-Pulizija fit-28 ta' Frar tas-sena elfejn u sitta (2006) huma prova ta' dan. L-esponent ma ammettiex l-imputazzjonijeit quddiem il-Qorti principalment ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok l-esponent dejjem emmen li l-operat tieghu, li ser jigi spjegat iktar il-quddiem, kien jikkostitwixxi 'sharing'. Il-Qorti tal-Magistrati ma qablitx ma' dan u l-esponent ma huwiex qieghed illu jikkontesta l-interpretazzjoni tal-Qorti in kwantu dik l;-interpretazzjoni ssib is-sostenn ta' gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Fit-tieni lok l-esponent dejjem ikkontesta l-imputazzjoni dwar l-omicidju involontarju ta' Daniel Abela u infatti huwa gie lliberat minnha.

Illi sabiex jikkontesta l-imputazzjonijiet migjbua kontrih limitatament gar-ragunijeit premessi fil-paragrafu precedenti, l-esponent li fiz-zmien tar-reati kellu biss dsatax il-sena, ilu dawn l-ahhar disa' snin b'kundizzjonijiet stringenti ta' helsien mill-arrest konsegwenza tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih. Jinghad bl-akbar rispett li wiehed jaghmel l-isbah snin taz-zoghzija tieghu b'kundizzjonijiet bhalma ghandu l-esponent hija gia piena fiha nnifisha u ghandha tittiehed in konsiderazzjoni partikolarment meta l-Qorti tghaddi biex teroga piena ta' prigunerija effettiva.

Illi c-cirkostanzi tal-imputazzjoni tat-traffikar huma f'dan il-kaz tali li necessarjament ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' piena. Kif inghad fil-'fatti fil-qosor', fiz-zmien tar-reati l-esponent kellu problema personali ta' droga. Meta kien imur jixtri d-droga ghalih innifsu, xi drabi kien jixtri wkoll ghal xi hbieb tieghu. Effettivament l-espoenent, meta kien jaghti d-droga lil dawn il-hbieb, kien jithallas

ta' dak li hu jkun nefaq biex xtara l-istess droga. Infatti jidher mis-sentenza appellat li ma huwiex kontesta li dak li kien qed jaghmle l-esponent ma kienx qed isir ghal-qliegh. Filwaqt li dan il-fattur ma jinnewtralizzax ir-reita' fit-traffikar, huwa bla dubju kriterju li ghandha jittiehed in konsiderazzjoni meta wiehed jizen il-gravita' tal-fatt. Ghalkemm forsi dan il-modus operandi ma jikkostitwix 'sharing' per se, huwa certament wiehed li hwua vicin hafna ta' dan il-kuncett.

Illi fatturi ohra li kellhom jittihdu in konsiderazzjoni kienu l-eta' tieghu meta huwa kkommetta r-reati kif ukoll il-fatt li meta nqabad kien ilu tlett xhur jittraffika, u cioe' perjodu pjuttost qasir. Il-fedina penali tal-esponent, li ssemmiet fis-sentenza appellata, hija wkoll wahda pjuttost nadifa u li certament ma fiha ebda kundanna rigward reati ta' droga.

Illi jinghad bl-akbar rispett li l-piena reogata ma tirriflettix ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz liema cirkostanza gew elenkati f'dan l-aggravju. Dawn ic-cirkostanzi mehudin flimkien b'mod holistiku kienu jimmeritaw piena ferm iktar miti minn dik ta' piena karcerarja ta' erba' snin u multa ta' sitt elef ewro.

Ikkunsidrat,

Illi il-gravam sottoptost ghal gudizzju ta' din il-Qorti jikkoncerna unikament il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ghall-akkuzi li dwarhom l-appellanti gie misjub hati u cioe' ir-reati ta' traffikar ta' droga u pussess aggravat ta'l-istess bl-aggravanti ikkontemplat fl-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Jilmenta illi kienu jezistu l-attenwanti kollha sabiex il-piena karcerarja ta' erba snin prigunerija u multa ta' €6000 titqies illi hija wahda eccessiva fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".

**"As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):**

**""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**

**This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.[1]"**

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek tal-25 ta' Awissu 2005

Illi l-piena stabbilita ghar-reat ta' traffikar ta' droga meta dan jaqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati ghandha tkun dik ta' prigunerija ta' bejn sitt xhur u ghaxar snin flimkien ma' multa ta' bejn €465.87 u €11646.87. Illi allura il-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet taqa' sewwa fil-parametri dettati mill-ligi. Issa huwa minnu illi l-Ewwel Qorti ma taghti l-ebda mottiv li seta' iwassalha teroga il-piena ta' erba snin prigunerija u multa ta' €6000 ghajr ghal fatt illi kien jirrizulta indubbjament ippruvat illi l-appellanti b'mod regolari kien iforni lil shabu bid-droga meta huwa kien imur jixtri ghalih u dan minghajr ebda qliegh personali, element, li kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti ma huwiex necessarju sabiex jissussisti r-reat ta' traffikar.

**"...The principle nulla poena sine lege does not mean or imply that a Court of Criminal Justice has to go into any particular detail as to the nature and quantum of the punishment meted out, or, where the Court has a wide margin of discretion with various degrees and latitudes of punishment, that it has to spell out in mathematical or other form, the logical process leading to the quantum of punishment. This is also the position in English Law. As stated in Blackstone's Criminal Practice 2004:**

**""Save where the statutory provisions mentioned below apply, there is no obligation on the judge to explain the reasons for his sentence. However, the Court of Appeal has encouraged the giving of reasons, and has indicated that that should certainly be done if the sentence might seem unduly severe in the absence of explanation...It has been held that failure by the sentencing court to give reasons when required to do so does not invalidate the sentence...although the failure may no doubt be taken into account by the appellate court should the offender appeal. Where the sentencer does give reasons and what he says indicates an error of principle in the way he approached his task, the Court of Appeal sometimes reduces the sentence even though the penalty was not in itself excessive. Similarly a failure by the judge to state expressly that he is taking into account any guilty plea, although contrary to [statutory provision], does not oblige the Court of Appeal to interfere with what is otherwise an appropriate**

**sentence…"**

L-appellanti iqies illi l-Ewwel Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi huwa kien jakkwista id-droga ghal shabu beix ighamillhom pjacir u mhux biex jaghmel xi qliegh ghalih innifsu tant illi dan l-agir kien kwazi kwazi iqarreb lejn il-kuncett legali ta' *trafficking by sharing*, ghalkemm jammetti illi dan ma kienx il-kaz. Ighid ukoll illi fiz-zmien li gie kommess ir-reat huwa kellu biss dsatax-il sena u illum irriforma hajjtu u ghandu impjieg u familja. Iqies illi l-qorti kellha tqies dan il-kaz ta traffikar bhala wiehed minimu billi kif inghad il-*modus operandi* tieghu ma kienx wiehed ta' xi traffikant veru u proprju, izda iktar bhala *go between* bejn shabu u s-*supplier*. Oltre dan kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni fatturi ohra bhat-trapass taz-zmien u il-perijodu qasir li fih sehh dan it-traffikar.

Illi l-Qorti mal-ewwel tibda biex tosserva illi r-reat ta' traffikar huwa wiehed serju hafna anke jekk dan isir minghajr ebda qliegh personali. Jirrizulta illi l-appellanti, maghruf mall-klijenti tieghu bhala l-"Bambocc". kien b'mod regolari ighaddi provvista ta' sustanzi illeciti lil numru ta'zghazagh u li allura din ma kenitx xi okkazzjoni ta' darba wahda biss. Fil-fatt mix-xhieda ta' dawn iz-zaghzagh li kienu "jinqdew" minn ghand l-appellanti johrog illi huma kienu jaghmlu kuntatt mieghu meta kien ikollhom bzonn jakkwistaw id-droga. L-appellanti kien jaf sewwa l-persuni minn ghand min kellu igib din il-provvista u kellu il-kuntatti mehtiega sabiex lil dawn iz-zghazagh ikompli jipprovdielhom din is-sustanza qerrieda. Dan l-agir certament jikkwalifika bhala traffikar veru u proprju u ma ghandu l-ebda xebh mal-attenwanti tat-*trafficking by sharing* kif jikkontendi l-appellanti li donnu jipprova ighid illi dawn iz-zghazagh kienu shabu u kien jixtri ghalih u ghalihom qiesu biex ighamillhom xi pjacir.  Il-provi juru xort'ohra tant illi jidher illi huwa kien maghruf bhala il-persuna li minn ghandu wiehed seta' jakkwista id-droga erojina. Illi di piu' billi tirrizulta ippruvata l-aggravanti tad-distanza tal-mitt metru kif previst fl-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 12, allura l-piena necessarjament kellha tizdied bi grad

biex b'hekk il-piena komminata mill-Ewwel Qorti ma tistax titqies illi hija xi wahda eccessiva fic-cirkostanzi.

Premessi allura dawn il-gwidi gurisprudenjzali u il-fatti tal-kaz kif jirrizultaw mill-atti probatorji, din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida 'il ghala ghandha tiddisturba id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti li hadet in konsiderazzjoni il-fattispecje kollha tal-kaz u erogat piena fil-parametri dettati mill-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur